MALTA

# QORTI TA' L-APPELL

**ONOR. IMHALLEF**
**PHILIP SCIBERRAS**

Seduta tat-3 ta' Ottubru, 2008

Appell Civili Numru. 247/2007/1

**Therese Zammit**

**vs**

**David Micallef**

**Il-Qorti,**

Fil-25 ta' Jannar, 2008, it-Tribunal ghal Talbiet Zghar ippronunzja s-segwenti sentenza fl-ismijiet premessi:-

> **"**It-Tribunal,
>
> Ra l-Avviz fl-ismijiet premessi prezentat fid-9 ta` Marzu, 2007, fejn intalab li l-konvenut ghandu jigi kkundannat ihallasha s-somma ta` sitt mitt lira Maltija, llum ekwivalenti ghal Euro 1397.62, rapprezentanti s-sehem tieghu ta` nofs l-ispejjez konnessi ma` l-edukazzjoni *ai termini* ta` kuntratt ta` separazzjoni datat 26 ta` Mejju, 2005.

Bl-ispejjez kontra l-konvenut ingunt in subizzjoni.

Ra r-risposta tal-konvenut datata 3 ta` April, 2007, fejn ikkontesta t-talba attrici peress illi allega li ma kienx gie konsultat minn qabel u kif ukoll peress illi ma pproducietx l-ircevuti relattivi qabel ma ghamlet it-talba taghha ghal hlas u dana dejjem skond kif obbligat ruhha li taghmel *ai termini* ta` l-istess kuntratt ta` separazzjoni.

B'riserva li jigu prezentati eccezzjonijiet ulterjuri. Illi fl-istess risposta l-konvenut intavola kontro talba fejn talab li l-attrici kellha tigi ordnata li tirritornalu diversi effetti mobbli, kalkolati li jiswew Lm 920 illum Euro 2143.02 u inoltre biex tigi kkundannata thallsu s-somma ta` Lm182 illum Euro 423.95, rapprezentanti nofs l-arrettrati ta` hlas ta` cens gia` gravanti proprjeta` tal-komunjoni.

Bl-ispejjez u bl-imghax legali kontra l-attrici ngunta hija wkoll in subizzjoni.

Ra r-risposta ta` l-attrici ghal kontro talba datata 16 ta` April, 2007, fejn ikkontestat b'mod generiku t-talbiet tal-konvenut in rikonvenzjoni.

Ezamina l-provi prodotti nkluz id-dokumenti ezebiti.

Sema` t-trattazzjoni orali maghmula mill-abbli konsulenti legali rispettivi tal-partijiet.

Ikkunsidra.

Illi z-zewg nahat qieghdin jibbazaw il-pretenzjonijiet taghhom fuq dak li johrog minn kuntratt ta` separazzjoni ffirmat bejniethom datat 26 ta` Mejju, 2005, atti Nutar Dottor Nicholas Vella, ezebit mill-konvenut fir-risposta tieghu u li jinsab a fol. 7 et seq tal-process.

Illi skond dan il-kuntratt fi klawsola numru ii) a fol. 10, hemm stipulat li l-konvenut ghandu jhallas nofs l-ispejjez konnessi ma` l-edukazzjoni u sahha ta` l-ulied minuri hekk kif jigi pprezentat l-invoices u jew l-ircevuti relattivi. Illi f'dan ir-rigward, il-konvenut qed jallega li ma gewx lila prezentati tali invoices u / jew ricevuti relattivi hlief wara l-intavolar tal-prezenti kawza.

Mill-banda l-ohra, l-konvenut qed jitlob in kontro talba li l-attrici naqset li tirritornalu certi oggetti elenkati fl-inventarju Dok. A, ezebit a fol. 19 tal-process skond kif obbligat ruhha li taghmel skond klawsola indikata (iii), a fol. 12 tal-process, fl-istess precitat kuntratt ta` separazzjoni.

Illi dwar din it-talba ghar-ritorn ta` oggetti mobbli u fin-nuqqas tal-valur taghhom, it-Tribunal jikkontendi li din ma taqax taht il-kompetenza tieghu u kwindi sejjer jastjeni milli jiehu aktar konjizzjoni ghal tali kontro talba.

Illi dwar il-hlas ta` l-arrettrati ta` cens, l-istess kuntratt ta` separazzjoni jistipula fi klawsola ittra e), a fol. 16 tal-process dawk dovuta qabel il-kuntratt ta` separazzjoni huma pagabbli fi kwoti ugwali bejniethom it-tnejn filwaqt li dawk dovuta in segwitu ghall-kuntratt huma pagabbli mill-konvenut. Illi f'dan ir-rigward l-attrici gustament tikkontendi li *se mai* s-sehem taghha ta` dawn l-arrettrati huma pagabbli direttament lil sid ic-cens u mhux lill-konvenut. In oltre ma tresqet ebda prova da parti tal-konvenut li dan ic-cens talvolta pagabbli miz-zewg nahat kien fil-fatt gie mhallas minnu biss u kwindi qed jitlob refuzjoni ta` nofs l-ammont minnu mhallas ingustament fl-intier. Illi ghalhekk in mankanza ta` tali prova u bil-mod kif qieghdha ssir din il-parti tal-kontro talba, dan it-Tribunal lanqas ma jista` jakkolji l-istess.

Illi ghar-rigward it-talba attrici ghal hlas ta` nofs l-ispejjez edukattivi mhallsa minnha, huwa minnu li hija naqset li tipprezenta d-dokumentazzjoni relattiva qabel il-kawza pero` stante li ghandu jirrizulta li dawn xorta wahda ntefqu ghal beneficcju ta` l-ulied minuri, dan it-Tribunal ihoss li ghandu jibqa` jiehu konjizzjoni u jezamina l-korrettezza ta` tali talba taghha sabiex tigi refuza f'nofs l-ammont rejalment imhallas. *Se mai* tali nuqqas taghha ghandu jigi rifless fil-Kap ta` l-ispejjez.

Illi dwar il-meritu tat-talba attrici, din tirrisolvi ruhha f'semplici kwistjoni ta` konteggi kif jirrizulta mill-provi u dokumentazzjoni ezercita kif gej.

Illi mill-ammont mitlub ta` €1397.62 (Euros) gia` Lm600, l-attrici stess tammetti fix-xhieda taghha li l-konvenut kien gia` hallasha s-somma ta` €235.27 (Euros) gia` Lm101 u kwindi r-rimanenti bilanc favur taghha kien jammonta ghal €1162.36 (Euros) gia` Lm499. Hija pprezentat prospett ta` dawn l-ispejjez bid-dokumenti relattivi lkoll immarkati bhala Dok. TZ1.

Fl-affidavit tieghu, l-konvenut jaccetta li ghandu jhallas s-sehem tieghu cioe` ta` nofs fuq l-ammonti ndikati fis-segwenti dokumenti pprezentati ma` Dok. TZ1 u cioe` Dok. 1 sa 4, Dok 6, Dok 12 sa 15 u Dok 20 u Dok 21. Dawn ilahqu s-somma ta` €332.52 (Euros) gia` Lm142.75, (cioe` n-nofs tat-total).

Huwa jallega li l-ammont ta` €44.26 (Euros) gia` Lm19 f'Dok. 22 gia` jinsab imhallas u kwindi ghandu jinqata` mill-kont cioe` nofsu li jammonta ghal €22.71 (Euros) gia` Lm9.50. In kontro ezami huwa jipproduci kopja ta` cheque fl-ammont ta` €22.71 (Euros) gia` Lm9.75, a fol. 42, in sostenn ta` din l-affermazzjoni tieghu.

Huwa jissokta jikkummenta dwar id-dokumenti l-ohra l-ghala ma ghandux ihallashom u cioe`:

Dok. 5: il-ghaliex gejjin mill-hanut *The Big Apple* fejn tahdem l-istess attrici proprjeta` tal-habib intimu taghha;
Dok. 7 u 8: il-ghaliex ma humiex ircevuti fiskali;
Dok. 9 u 10: ammont ta` alimenti mhallsa bin-nieqes (kif minnu stess ammess), il-ghaliex kien gie lliberat mill-Qrati ta` gudikatura kriminali;
Dok. 11: il-ghaliex in parti tal-*Big Apple* bhala Dok. 5 supra u kif ukoll peress li ma giex ikkonsultat minn qabel;
Dok. 16A: minnhabba nuqqas ta` nformazzjoni;
Dok. 16B sa 19 u Dok. 23: peress li ma giex ikkonsultat.

Illi ghalkemm huwa minnu li l-attrici setghet naqset li tinformah minn qabel dwar certi spejjez edukattivi bhal dawk tal-privat, per ezempju, ghandu jirrizulta pero` li dawn verament gew imhallsa anke jekk xi whud minnhom ma humiex koperti b'ricevuti fiskali u kwindi nofs l-ammont ghandu jigi refuz.

Ghar-rigward l-ispejjez ghand il-hanut *Big Apple*, jista` jkun minnu wkoll li l-attrici ma tantx dehret ghaqlija jew sensittiva ghal fatt li certi spejjez ta` *stationery* intefqu f'dan il-hanut pero` mill-banda l-ohra, ma jfissirx li tali *stationery ítems* mhux tassew intefqu.

Illi ghar-rigward certa ricevuti f'Dok. 16A, dawn jidhru evidenti li ntefqu fuq kotba jew effetti simili tenut kont tal-fatt min kien il-bejjiegh, apparti l-fatt li dan gie kkonfermat mill-istess attrici in kontro ezami.

Illi ghal quddiem it-Tribunal jappella lill-attrici sabiex fl-ewwel lok tkun aktar sensittiva minm fejn

tixtri l-*istationery* sabiex tevita disgwid bla bzonn ma` zewgha u fit-tieni lok tassikura ruhha li l-invoices u / jew l-ircevuti relattivi jkun fihom l-informazzjoni kollha necessarja skond il-ligi sabiex ma jithalla ebda dubbju dwar il-veracita` ta l-istess u b'hekk jigu evitati ntoppi bla bzonn ma` zewgha.

Illi it-Tribunal ser ighaddi biex jaghmel ir-riassunt ta` l-ammonti dovuta mill-konvenut:-

Ammont ammess mill-konvenut innifsu= Lm142.75
Naqqas il-pagament ta` Dok. 22 = Lm 9.75
Bilanc = Lm133
Nofs Dok. 5 = Lm 17.40
Nofs Dok. 7 u Dok. 8 = Lm168
Dok. 9 u Dok. 10 shah = Lm 10
Nofs Dok. 11 = Lm 83.36
Nofs Dok. 16A = Lm 16.14
Nofs Dok. 16B sa 19 u 23 = Lm104.75
Total dovut = Lm532.65
Minn dan l-ammont naqqas somma ohra ammessa = Lm101

**Kwindi Total dovut = Lm431.65**

**€1005.47**

Ghaldaqstant, it-Tribunal qieghed jacta` u jiddeciedi dan il-kaz, billi jichad l-eccezzjonijiet sollevati mill-konvenut, kwindi jilqa` t-talbiet attrici pero` dana fis-sens tal-likwidazzjoni fuq maghmula u konsegwentement jikkundanna lill-

konvenut sabiex ihallsu lill-attrici, s-somma hekk likwidata fl-ammont ta` Euro 1005.47 ekwivalenti ghal munita l-antika fl-ammont ta` Lm431.65, bl-imghax legali dekorribbli mid-data ta` din is-sentenza.

Illi ghar-rigward tat-talbiet tal-konvenut in rikonvenzjoni, t-Tribunal qieghed jastjeni milli jiehu konjizzjoni ta` l-ewwel talba kif fuq spjegat u jichad it-tieni talba peress illi legalment mhux gustifikata, oltre li ma gietx sufficjentement ippruvata.

Fic-cirkostanzi t-Tribunal huwa tal-fehma li ghandu jigi ritenut ekwu u gust li l-ispejjez kollha ta` dina l-kawza ghandhom jibqghu bla taxxa bejn il-partijiet.**”**

L-appell tal-konvenut minn din is-sentenza hu bazat fuq dawn l-aggravji:-

(1) It-Tribunal ma pprovda ebda raguni l-ghaliex hass li l-ewwel talba rikonvenzjonali ma taqax taht il-kompetenza tieghu;

(2) Dwar il-mertu tat-talba attrici huwa jissottometti b’mod generali li ma kellux jaghmel tajjeb ghal spejjez li ma giex ikkonsultat dwarhom. Fl-ispecifiku, li certi rjus ta’ spejjez ma ntefqux jew ghallanqas mhux fl-interess ta’ l-ulied komuni;

(3) It-Tribunal kellu jilqa’ t-talba tieghu tas-somma indikata (Lm182) bhala arretrati ta’ pagamenti tac-cens fuq proprjeta`, gja formanti parti mill-komunjoni ta’ l-akkwisti bejn il-kontendenti. Hu jikkontendi illi l-attrici ntrabtet li thallas dan l-ammont skond para. 13 (3) tal-kuntratt ta’ separazzjoni;

Fl-istharrig ta’ l-ewwel motiv ta’ aggravju din il-Qorti tibda biex tirrileva b’introduzzjoni generali illi, kif saput, l-azzjoni rikonvenzjonali ghandha karattru awtonomu b’kontro-talba rivolta ghall-otteniment ta’ provvediment pozittiv favorevoli fil-konfront ta’ l-attur. Li jfisser, li din trid tigi ezaminata u

deciza avolja jista' jaghti l-kaz li d-domanda principali ta' l-attur tkun iddikjarata inammissibbli. *Inter alia*, it-tribunal adit mill-mertu ta' talba rikonvenzjonali jokkorrilu jezamina jekk dik it-talba, separatament konsiderata, tirrientrax fl-isfera tal-kompetenza tieghu. L-accertament ta' l-ammissibilita` tad-domanda rikonvenzjonali jsir proprjament biex jigi determinat jekk din teccedix il-limiti tal-kompetenza tat-tribunal, minhabba raguni ta' valur jew ta' materja;

Hu dixxiplinat mill-Artikolu 3 (2) ta' l-Att V ta' l-1995 illi t-Tribunal ghal Talbiet Zghar hu kompetenti li jisma' u jaqta' biss it-talbiet kollha ta' flus ta' ammont ta' mhux izjed minn elf u hames mitt lira Maltija, ossija tlett elef erba' mija u erbgha u disghin euro u sitt centezmi. Ghal dak li jikkoncerna z-zewg talbiet rikonvenzjonali ma hemmx dubbju illi anke jekk assommati flimkien kif irid l-Artikolu 3 (3) (a) il-valur taghhom ma jeccedix il-gurisdizzjoni tat-Tribunal. Il-kwestjoni, pero`, mhix din. Bl-ewwel kontro-talba tieghu l-konvenut appellanti mhux qed jiddomanda l-hlas ta' somma specifika izda r-ritorn lilu ta' diversi oggetti li hu jsostni li, skond il-kuntratt ta' separazzjoni personali, l-attrici obbligat ruhha li hekk tghaddilu. Huwa veru li hu jattribwixxi valur lil dawn l-istess oggetti, izda l-oggett principali ta' l-ewwel domanda tieghu tibqa' wahda konnessa ma' obbligazzjoni *di dare*, u tali ggib spostament tal-kompetenza in kwantu ma tidholx fil-qafas preciz tan-normattiva a sensu ta' l-Artikolu 3 (2) tal-Kapitolu 380;

Biex tinghata twegiba lil certu kumment ta' l-appellanti, huwa pacifiku illi materja ta' kompetenza hi ta' ordni pubbliku u t-tribunal adit jista', anke fl-assenza ta' l-eccezzjoni relattiva, jissollevaha *ex officio*. Dan anke ghaliex il-kompetenza ma tiddependix minn esigenzi ta' ekwita jew ta' konvenjenza izda esklussivament mid-disposizzjoni tal-ligi li tirregolaha. L-ewwel ilment qieghed ghalhekk jitqies infondat;

Fuq it-tieni punt ta’ aggravju huwa fatt illi l-kuntratt ta’ separazzjoni tas-26 ta’ Mejju, 2005 (fol. 7) jipresupponi illi l-konjugi li ma nghatax l-affidament ta’ l-ulied kellu jigi kkonsultat “*in all matters concerning the health, education and welfare of the said minor children*”. Fuq dan il-punt tal-konsultazzjoni sahaq bosta anke it-Tribunal fis-sentenza appellata. Hi haga pero` l-konsultazzjoni li jawspika l-kuntratt fir-rapport inter-konjugali *ex-post* is-separazzjoni u hi haga ohra l-esigenza ta’ dak id-dover li l-Kodici Civili, f’diversi disposizzjonijiet tieghu, jimponi b’obbligu fuq il-konjugi fl-ahjar interess ta’ l-ulied. Ultimament, dan l-obbligu hu sew statwit *ex lege* fl-Artikolu 57 (1) tal-Kodici Civili fejn jiddisponi illi “tkun min tkun il-persuna li f’idejha jigu fdati t-tfal, il-missier u l-omm jibqghu fil-jedd li jaraw li kollox qieghed isir sewwa ghal dak li hu manteniment u edukazzjoni, u jibqghu obbligati li johorgu s-sehem li jmisshom ghall-manteniment u l-edukazzjoni, skond il-ligi”;

Il-konjugi li jadempixxi dan l-obbligu anke ghal kwota spettanti lill-konjugi l-iehor, ghandu kull jedd li jagixxi biex jikkonsegwi r-rimbors ta’ l-erogazzjoni maghmula kwantu ghan-nofs ta’ l-ispejjez. Dan jipprovdi dwaru *expressis* il-kuntratt fi klawsola 3 (ii) tieghu. L-appellanti obbliga ruhu li jhallas nofs l-ispiza ta’ l-edukazzjoni, u, la dana huwa hekk, hu fid-dmir li jaghmel tajjeb ghalihom. Wara kollox, il-kuntratt ma jghidx ukoll illi kull spiza bhal din trid tkun preventivament awtorizzata minnu;

Fil-kaz taht konsiderazzjoni jirrizulta mill-parti espozittiva tas-sentenza illi t-Tribunal accerta ruhu, anke b’mod minuzzjuz u fid-dettal, kompriz kummenti *singulatim,* illi l-ispejjez saru ghal beneficcju ta’ l-edukazzjoni ta’ l-ulied, u kien sodisfatt ukoll illi l-istess kienu hekk necessarji u kompatibbli mal-htigijiet u bzonnijiet taghhom. Dan avolja l-appellanti jittanta jikkreja d-dubju dwar certi rjus ta’ spejjez li saru mill-istabbiliment “The Big Apple” minhabba allegata relazzjoni bejn l-attrici u sid dan l-istabbiliment. Bhall-ewwel Tribunal qabilha, l-ezistenza o meno ta’ din ir-relazzjoni ma ghandhiex ghal din il-Qorti influwenza

deciziva fuq il-materja, anke ghaliex dik, se mai, tinteressa lir-rapporti bejn il-konjugi. Aktar importanti minn dan hi l-verifika li dawk l-ispejjez kienu hekk utli ghat-tutela ta' l-ahjar interessi edukattivi ta' l-ulied, li *ex contractu*, l-appellanti kien tenut li jaghmel tajjeb ghan-nofs taghhom. Anke allura dan l-aggravju qed jigi skartat;

Rigward l-ahhar aggravju, jinghad fi klawsola 13 (e) tal-kuntratt illi "*ground-rent arrears due on appartments seven and eight (7 & 8) Kimberley Court, J. Quintinus Street, Bugibba, St. Paul's Bay, up to the date of the publication of this deed shall be paid by both parties in equal share between them*". L-appellanti qed jippretendi li l-attrici ghandha tghaddilu l-import ta' sehmha mill-arretrati ta' dawn ic-cnus. Huwa difficli kif tista' din il-Qorti tordna lill-attrici biex taghmel dan il-pagament direttament lill-appellanti meta dan il-kuntratt ma jghidux u, f'kull kaz, kif anke ammess minnu, l-istess hlas ghadu ma sarx lid-direttarju taz-zewg appartamenti li bis-separazzjoni messew lilu. Ma jistax allura jinghad illi l-appellanti pprova l-fatt kostitutiv li hu jqieghed ghab-bazi tad-dritt pretiz minnu bit-tieni domanda rikonvenzjonali u, cjoe, li l-attrici, b'dak il-kuntratt, obbligat ruhha li thallas is-somma ta' l-arretrati tac-cnus minnu reklamata. In vista tal-premess, ukoll dan l-ahhar aggravju ma jistax jigi ezawdit.

**Ghal dawn il-motivi kollha din il-Qorti qed tirrespingi t-tliet kapi ta' aggravji sottomessi mill-konvenut bl-appell tieghu, u tikkonferma s-sentenza appellata, bl-ispejjez ta' din l-istanza kontra l-istess konvenut. Dawk stabbiliti mit-Tribunal jibqghu kif decizi.**

**< Sentenza Finali >**

--------------------------------TMIEM--------------------------------